**Parlament Ewropew**
2014-2019

*Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija*

**2017/0336(COD)**

11.7.2018

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

għall-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 dwar appoġġ għal riformi strutturali fi Stati Membri
(COM(2017)0826 – C8-0432/2017 – 2017/0336(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Sofia Sakorafa

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

F'tentattiv sabiex tingħeleb il-kritika li l-ġustifikazzjoni strateġika u l-obbligu ta' rendikont tal-infiq b'rabta mal-Fondi ta' Koeżjoni tal-UE ma kenitx adegwata, fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 ġiet introdotta orjentazzjoni ċċentrata fuq il-prestazzjoni. Ġie definit qafas ta' prestazzjoni għal kull programm operattiv, b'dettalji dwar ir-riżultati mistennija mill-investimenti u dwar kif jista' jitkejjel il-progress lejn dawn l-għanijiet.

Sal-2019 ser isir rieżami tal-prestazzjoni u l-programmi, u l-prijoritajiet li jkunu laħqu l-istadji importanti u l-miri stabbiliti ser jiksbu aċċess għar-riżerva ta' prestazzjoni assoċjata (6 % tar-riżorsi allokati permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni), filwaqt li dawk li jkunu naqsu serjament milli jilħqu l-istadji importanti jistgħu jiffaċċjaw penali.

Ir-rapporteur hija sorpriża negattivament bil-proposta tal-Kummissjoni, li, fi ftit kliem, tistieden lill-Istati Membri jċedu b'mod volontarju, kompletament jew parzjalment, il-ġestjoni tal-fondi ta' riżerva ta' prestazzjoni lill-Kummissjoni li hi ħerqana li timplimenta r-riformi strutturali orizzontali marbuta mas-Semestru Ewropew.

L-ewwel nett, ir-rapporteur hija tal-fehma li l-Politika ta' Koeżjoni u s-Semestru Ewropew la jikkondividu u lanqas iservu l-istess għanijiet. Il-kundizzjonalitajiet ex ante u makroekonomiċi jirrappreżentaw riskju kbir biex jintlaħaq tkabbir sostenibbli, ġust u bbilanċjat. Il-Parlament Ewropew issottolinja diversi drabi li "l-interazzjoni mas-Semestru Ewropew m'għandhiex timpedixxi l-kisba tal-objettivi proprji [tal-Politika ta' Koeżjoni] kif stipulat fit-Trattati"1. Ir-riassenjazzjoni ta' EUR 21 biljun oħra biex iservu l-objettivi marbuta strettament mal-proċess ta' governanza ekonomika Ewropea tikkostitwixxi devjazzjoni ċara mill-iskop prinċipali tal-Politika ta' Koeżjoni, li "tnaqqas id-diverġenzi bejn il-livelli ta' żvilupp tar-reġjuni"2.

Li jiġi ridirett ammont sinifikanti ta' fondi joħloq tfixkil għall-implimentazzjoni u jaffettwa b'mod negattiv il-potenzjal tal-impatt politiku. Il-prinċipji tal-Politika ta' Koeżjoni ewlenin u komplementari, bħalma huma s-solidarjetà fil-prattika, ir-ridistribuzzjoni ekwa u ġusta tal-ġid, u l-istess loġika ta' rikompensa tal-inċentivi tal-prestazzjoni, ikunu mhedda serjament.

Minn perspettiva proċedurali, ir-rapporteur tesprimi riżervi serji. Il-proposta tressqet tard wisq u mhi ċara xejn. Il-bidliet rilevanti ser ikollhom effett retroattiv, jistgħu jipprovokaw tħarbit baġitarju fuq is-segmenti nazzjonali annwali maqbula u jistgħu jfixklu l-infiq diġà ppjanat għal proġetti speċifiċi.

Ir-rapporteur tikkundanna l-fatt li strumenti oħra ta' finanzjament tal-UE jappoġġjaw riformi strutturali li jiffukaw fuq is-Semestru Ewropew fil-perjodu ta' programmazzjoni attwali. Diġà saret riallokazzjoni tal-fondi ta' koeżjoni għall-benefiċċju, pereżempju, tal-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali (SRSP), filwaqt li l-Kummissjoni issa qed tipproponi żieda sostanzjali fil-pakkett finanzjarju tal-SRSP. Barra minn hekk, il-bilanċ jista' jmur għall-agħar fil-perjodu ta' programmazzjoni futur 2021-2027. Il-Kummissjoni, filwaqt li qed tipproponi

[1] Opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (20.2.2018) għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji dwar is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika: Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2018 (2017/2226(INI)), il-punt 4.

[2] Il-verżjoni konsolidata tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea – it-Tielet Parti: Politika u Azzjonijiet Interni tal-Unjoni – Titolu XVIII: Koeżjoni Ekonomika, Soċjali u Territorjali – Artikolu 174 (ex Artikolu 158 TKE), Ġurnal Uffiċjali 115, 09/05/2008 p. 0127 - 0127.

Programm ta' Appoġġ għal Riformi ġdid b'baġit ta' EUR 25 biljun, iffinanzjat taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà u separat mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment tal-UE, qed tippjana – b'mod parallel – tnaqqis ta' 7 % fil-portafoll globali tal-Koeżjoni1.

Filwaqt li ġestjoni kondiviża tagħti l-impressjoni ta' sjieda konġunta, id-deċiżjoni ta' Stat Membru li juża parzjalment jew għalkollox ir-riżerva ta' prestazzjoni b'appoġġ għar-riformi strutturali se tkun tfisser bidla lejn ġestjoni diretta. Konsegwentement, kwalunkwe proposta li twettaq l-impenji tar-riforma se taqa' esklussivament taħt il-valutazzjoni, l-approvazzjoni u l-ġestjoni tal-Kummissjoni.

Bħala konklużjoni, ir-rapporteur jiddispjaċiha li l-proposta tikkontradixxi għalkollox id-dikjarazzjonijiet reċenti tal-Kummissjoni fis-sessjoni plenarja tal-PE (Marzu 2018)2. Peress li l-Kummissjoni ma ddikjarat l-ebda intenzjoni li tbiddel id-dati dwar il-valutazzjoni tal-prestazzjoni u l-allokazzjoni tar-riżerva ta' prestazzjoni, li temenda f'dan l-istadju l-orjentazzjoni u l-ġestjoni tar-riżerva ta' prestazzjoni jippreżenta każ ċar ta' standards doppji.

Fid-dawl ta' dan kollu, ir-rapporteur tqis li l-Kumitat ITRE għandu jistieden lill-Kumitat REGI, bħala l-kumitat responsabbli, u lill-Kumitati ECON u BUDG, bħala kumitati assoċjati, biex jiċħdu l-proposta tal-Kummissjoni.

******

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jipproponi ċ-ċaħda tal-proposta tal-Kummissjoni.

[1] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Baġit Modern għal Unjoni li Tipproteġi, Tagħti s-Setgħa u Tiddefendi – Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2021–2027", COM(2018) 321 final, 2.5.2018, p. 10.
[2] Plenarja tal-PE, Strasburgu, il-Ħamis 15 ta' Marzu 2018, interpellanza maġġuri, Mistoqsija għal tweġiba orali f'isem il-Kumitat REGI dwar ir-Riżerva ta' Prestazzjoni tal-FSIE.

# PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 dwar appoġġ għal riformi strutturali fi Stati Membri |
| **Referenzi** | COM(2017)0826 – C8-0432/2017 – 2017/0336(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | REGI<br>14.12.2017 |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ITRE<br>14.12.2017 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Sofia Sakorafa<br>22.2.2018 |
| **Data tal-adozzjoni** | 10.7.2018 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 51<br>–: 6<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Zigmantas Balčytis, Bendt Bendtsen, Xabier Benito Ziluaga, José Blanco López, Cristian-Silviu Buşoi, Jerzy Buzek, Angelo Ciocca, Edward Czesak, Jakop Dalunde, Pilar del Castillo Vera, Christian Ehler, Fredrick Federley, Adam Gierek, Theresa Griffin, Rebecca Harms, Barbara Kappel, Krišjānis Kariņš, Seán Kelly, Jeppe Kofod, Jaromír Kohlíček, Peter Kouroumbashev, Zdzisław Krasnodębski, Janusz Lewandowski, Edouard Martin, Tilly Metz, Csaba Molnár, Nadine Morano, Dan Nica, Angelika Niebler, Morten Helveg Petersen, Paul Rübig, Massimiliano Salini, Algirdas Saudargas, Sven Schulze, Neoklis Sylikiotis, Dario Tamburrano, Patrizia Toia, Evžen Tošenovský, Vladimir Urutchev, Kathleen Van Brempt, Henna Virkkunen, Lieve Wierinck, Hermann Winkler, Anna Záborská, Flavio Zanonato, Carlos Zorrinho |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Michał Boni, Benedek Jávor, Olle Ludvigsson, Marisa Matias, Rupert Matthews, Gesine Meissner, Caroline Nagtegaal, Markus Pieper, Dominique Riquet |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Romeo Franz, Ulrike Rodust |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 51 | + |
|---|---|
| ECR | Edward Czesak, Zdzisław Krasnodębski, Rupert Matthews, Evžen Tošenovský |
| EFDD | Dario Tamburrano |
| ENF | Angelo Ciocca, Barbara Kappel |
| GUE/NGL | Xabier Benito Ziluaga, Jaromír Kohlíček, Marisa Matias, Neoklis Sylikiotis |
| PPE | Bendt Bendtsen, Michał Boni, Cristian-Silviu Buşoi, Jerzy Buzek, Pilar del Castillo Vera, Christian Ehler, Krišjānis Kariņš, Seán Kelly, Janusz Lewandowski, Nadine Morano, Angelika Niebler, Markus Pieper, Paul Rübig, Massimiliano Salini, Algirdas Saudargas, Sven Schulze, Vladimir Urutchev, Henna Virkkunen, Hermann Winkler, Anna Záborská |
| S&D | Zigmantas Balčytis, José Blanco López, Adam Gierek, Theresa Griffin, Jeppe Kofod, Peter Kouroumbashev, Olle Ludvigsson, Edouard Martin, Csaba Molnár, Dan Nica, Ulrike Rodust, Patrizia Toia, Kathleen Van Brempt, Flavio Zanonato, Carlos Zorrinho |
| VERTS/ALE | Jakop Dalunde, Romeo Franz, Rebecca Harms, Benedek Jávor, Tilly Metz |

| 6 | - |
|---|---|
| ALDE | Fredrick Federley, Gesine Meissner, Caroline Nagtegaal, Morten Helveg Petersen, Dominique Riquet, Lieve Wierinck |

| 0 | 0 |
|---|---|
| | |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni